**93. L-Onor. Jason Azzopardi MP, f'isem l-Oppożizzjoni, jipproponi:**

Billi l-Avviż Legali 450 tal-2013 jdaħħal fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2013 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta, liema Avviż Legali tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra llum it-Tnejn 13 ta' Jannar 2014;

Billi bis-saħħa tal-imsemmi Avviż Legali 450 tal-2013 il-Gvern irid ibiegħ iċ-ċittadinanza Maltija;

Billi mhuwiex fl-interess nazzjonali li ċ-ċittadinanza Maltija tkun għall-bejgħ;

Billi l-imsemmi Avviż Legali 450 tal-2013 jimmina l-interess nazzjonali, fosthom, iżda mhux biss, dak ekonomiku u soċjali u huwa theddida għall-identità ta' Malta bħala pajjiż Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

Billi bis-saħħa tal-Avviż Legali 450 tal-2013 il-Gvern għamel miċ-ċittadinanza Maltija oġġett li jista' jinbiegħ u jinxtara minn persuni li m'għandhom u mhu ser ikollhom l-ebda rabta ma' Malta;

Billi bis-saħħa tal-imsemmi Avviż Legali 450 tal-2013 il-Gvern qiegħed iħaddem skema li tħassar il-ġieħ u r-reputazzjoni tajba li Malta rnexxielha takkwista fuq medda ta' snin fuq livell internazzjonali, partikolarment ma' investituri barranin;

Billi l-pjan tal-Gvern li jbiegħ iċ-ċittadinanza Maltija ġibed il-kritika qawwija mhux biss tal-Oppożizzjoni u tal-poplu Malti u Għawdxi, iżda wkoll tal-mezzi tax-xandir internazzjonali;

Billi bis-saħħa tal-imsemmi Avviż Legali 450 tal-2013 il-Gvem qiegħed iħaddem skema li ma toffri l-ebda soluzzjonijiet ekonomiċi reali għall-iżvilupp ta' Malta;

Billi l-Avviż Legali 450 tal-2013 jimmina u jnawwar, għad-detriment tal-interess nazzjonali, l-prinċipju ta' koperazzjoni leali bejn Malta u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

Billi l-Avviż Legali 450 tal-2013 hu ntiż ukoll biex il-Gvern jaġevola finanzjarjament bil- kbir lil kumpanija privata tal-għażla tiegħu u dan billi jagħtiha poteri diskrezzjonali u jafdaha li tirċievi u żżomm għandha f'ismu kapital li jlaħħaq miljuni kbar ta' Ewro u dan fl-istess waqt li jesponi lil Malta għal riskju ta' danni kbar;

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, il-Kamra tar-Rappreżentanti tirriżolvi li tħassar, tirrevoka u tannulla l-Avviż Legali 450 tal-2013 li jdaħħal fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2013 dwar il-Programm tal-Investitur lndividwali tar-Repubblika ta' Malta.

13.01.14